KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 80 kontinwazzjoni

It-tmenin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 1 ta' Marzu 2018 fis-7pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kristian Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Muscat | Kunsillier |
| | Vivanne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta kompliet mil-21 ta' Frar, 2018 din id-darba fis-19.09 b'din l-Agenda:*

*80.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*80.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 77 u 78;*
*80.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*80.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*80.5 Rapporti ;*
*80.6 Request for scheduling – Officers Mess;*
*80.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u /jew Sotto Kumitat;*
*80.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;*
*80.9 Mozzjonijiet ;*
*80.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 80.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

80.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier D. Muscat, L. Cassar Shaw, J. Pillow u V. Galea Pace biex jiġu skuzati minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li dawn il-Kunsilliera jitnizzlu bhala Assenti b'Apologija.

**Punti 80.2 sa 80.4 ġew diskussi fl-aħħar seduta**

## 80.5 RAPPORTI

80.5.1 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport li intbgħat lill-Kunsilliera kollha wara l-aħħar seduta mill-*contracts manager* dwar in-nuqqasijiet li hemm mill-kuntratturi tal-ġbir tal-iskart u taz-zamma tal-latrini pubbliċi. Il-Kunsill ġie imfakkar li fl-aħħar seduta kien inzamm il-pagament tal-ġbir tal-iskart ta' Jannar 2018. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kuntratt tal-iskart se jiskadi f'April 2018 u dak tal-latrini se jiskadi f'Lulju 2018. Madankollu sar qbil li ssir laqgħa maz-zewġ kuntratturi msemmija flimkien mal-*contracts manager* u l-Kunsilliera sabiex jiġu diskussi dawn in-nuqqasijiet.

80.5.2 Il-Viċi Sindku saqsa jekk dawn in-nuqqasijiet li nnota il-*contracts manager* jistgħux ikunu aktar speċifikati fit-*tender* li jmiss sabiex il-Kunsill ikun jista jindirizza l-problema mill-ewwel. Kien hemm qbil dwar dan.

80.5.3 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li saqsa lid-Direttur tal-Gvern Lokali jekk il-Kunsill għandux joħroġ it-tender tal-iskart jew le minħabba li

hemm il-ħsieb li din it-tender tinħareġ mir-Reġjun. Il-Kunsill ingħata l-parir li t-tender għandu joħroġ mill-Kunsill stess bhalissa. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kif inhi l-proċedura l-ġdida l-Kunsill ma jkollux għalfejn joħroġ *default notice* għal tlett darbiet biex jitnaqqas ammont ta' flus mil-kont. Bil-kuntratt ikun jista jitwaqqaf u/jew jitnaqqas parti mil-kont anke b'rapport minn *contracts manager* fejn jiġu indikati anke l-provi tan-nuqqasijiet. Il-Kunsill qabel li l-kuntratt għandu jinħareġ b'kundizzjonijiet aktar speċifiċi u diretti fejn jiġu indikati percentaġġi ta' kemm jista jitnaqqas mil-kont jekk ikun hemm nuqqassijiet bħal ezempju jekk l-iskart jinġabar qabel il-ħin jinqata perecentaġġ mil-kont, jekk ma jilbsux l-uniformi percentaġġ ieħor, *piling* jinqata percentaġġ ieħor. Din tkun bħal penali li tkun parti mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

80.5.4 Fir-rigward għaz-zamma tal-latrini pubbliċi, is-Sindku informa li hemm probbabbilta li l-Gvern se jkun qiegħed jgħin lill-Kunsilli billi jipprovdu aktar nies bħala *attendants*. Il-Kunsill ġie infurmat li s-Segretarju Parlamentari ma kienx konxju tal-fatt li l-Kunsilli ma jingħatawx *fondi* għaz-zamma tal-latrini pubbliċi bhala parti mill-*formula* tal-allokazzjoni.

***Il-Kunsillier P. Radmilli daħal għas-seduta fis-19.24***

80.5.5 Gew innotati wkoll diversi nuqqasijiet mil-kuntrattur li qiegħed jieħu ħsieb il-latrini. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li parti mil-probema taf tkun meta l-Kunsill ikollu jagħzel l-irħas. Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk tistghax tizdied il-frekwenza tat-tindif. Ġie nnotat li jekk ikun hemm dawn l-*attendants* li jista' jipprovdi l-Gvern jaf ikun hemm inqas ħmieġ.

80.5.6 Kien hemm qbil li l-Kunsill isejjaħ liz-zewġ kuntratturi kemm tal-lattrini kif ukoll tal-ġbir tal-iskart u jiġu diskussi n-nuqqasijiet. Is-Sindku talab min jixtieq ikun prezenti għal dawn iz-zewġ laqgħat. Il-Viċi Sindku kif ukoll l-Kunsilliera M. Aquilina urew interess li jkunu prezenti. Madankollu l-Kunsilliera kollha għandhom isiru jafu bid-data stabbilita u min irid ikun jista jattedni wkoll.

80.5.7 Kien hemm qbil ukoll li l-kuntratt għal latrini pubbliċi jerga jinħareġ għal sena, filwaqt li dak tal-iskart jinħareġ għall-erbgħa snin.

80.5.8 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-kuntratt tal-ELC, fejn hemm affarjiet li mhumiex qegħdin jiġu segwiti mit-tender bħal fost

affarijiet oħra ma ġewx imħawwla siġar fil-ħarifa. Kien hemm qbil li jintbgħatu n-nuqqasijiet li l-Kunsill jixtieq jindirrizza biex il-Kunsill jiltaqa idejalment ma' Dr Cuschieri jew xi ħadd li jista jirrispondi għat-talbiet tal-Kunsill.

**80.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

80.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qara' r-rapport tal-evalwazzjoni tat-tender dwar *Accountancy Services*. Il-Kunsill ġie infurmat li kellhu ħames offerti fejn tlett *bidders* minnhom kellhom dokumenti nieqsa. Dawn ingħataw iċ-ċans permezz tas-sistema li jipprovdu d-dokumenti u min ma rrispondiex ġie awtomatikament diskwalifikat. Wara li intemmet l-evalwazzjoni amministrattiva u teknika tat-tender, kien baqa zewġ offerti biss li kienu *technically compliant* u, ghaldaqstant, l-bord irrakomanda li tintgħzel l-irħas offerta min dawn. Kien hemm qbil min-naħa tal-Kunsill li jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-bord u jagħzel lill-kumpanija 3A Malta Ltd bhala *cheapest compliant offer*. *Accountancy Services – Tender*

80.7.2 Il-Kunsillier P. Portelli informa li l-laqgħa li ntalbet mal-Ministru Owen Bonnici dwar il-fondi li se jingħataw għall-SAF se ssir fit-13 ta' Marzu 2018. Il-Kunsillier Portelli informa li l-Kunsill se jkun qiegħed jitlob jekk dawn il-fondi jistgħux japplikaw għat-2019 u 2020 għaliex diġa qegħdin tard biex jiġi ffurmat programm u nitolbu *sponsorships*. Ġie nnotat ukoll li min joffri *sponsorship* ikun aħjar li dan jiġi marbut għal sentejn għax il-pjan jista jsir aħjar. Il-Kunsill għandu jevalwa wara r-rispons ta' din il-laqgħa. *SAF*

80.7.3 Is-Segretarju Ezekuttiv talab kjarifika bil-mod kif irid issir il-*playstructure* tas-*Sliema Playing Fields*. Kien hemm qbil li l-*play structure* issir izgħar, u ssir ukoll fil-post minflok iz-zurzieqa blu. Kien hemm qbil ukoll li titwaħħal il-bandla nieqsa. Is-Segretarju Ezekuttiv irrefera għar-rakomandazzjoni mill-Ingineer N. Belizzi bil-mod kif għandha ssir il-bandla u l-materjal tagħha. Is-Sindku saqsa jekk din tistghax issir tal-injam bħal lokalitjiet oħra, b'materjal sikur għat-tfal. Il-Kunsill għandu jiċċekkja dan mal-Inġineer. *Sliema Playing Fields*

*Il-Kunsillier P. Portelli ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-8pm*

80.7.4 Il-Viċi Sindku irrimarka li hemm il-bankina fi Triq Sant' Antnin ma' *Nuqqas ta' aċċessibilta*

Triq Pace li mhiex aċċessibbli għaliex hemm *bollards* fuq il-bankina. Irrimarka wkoll li Triq Għar id-Dud hemm zewġ tarġiet li ukoll ma jħallux il-bankina aċċessibbli. Il-Kunsill għandu jibgħat lill-*contracts manager* u jara dwar dan. *f'bankini*

80.7.5 Is-Sindku propona li l-*poles* tat-tabelli jibdew jitwaħħlu fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bankina bit-tabella biss li tagħti għall-barra, biex b'hekk ikun hemm aktar aċċessibilta. Kien hemm qbil dwar dan. *Poles tat-tabelli*

80.7.6 Ġie nnotat li Triq it-Torri qegħda fi stat ħazin bl-ammont ta' inġenji li jgħaddu minn din it-triq. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill kien diġa inkluda din ma' toroq oħra meta l-Gvern kien talab lista ta' toroq li hemm bzonn li jsiru fis-snin li gejjin. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jikteb b'mod dirett lill-Ministru Ian Borg fejn nitolbu jekk din tistax issir minħabba l-urġenza tagħħa. Il-Kunsill qabel dwar dan. *Triq it-Torri*

80.7.7 Il-Kunsillier M. Briguglio informa bit-talba li kellu għal *traffic calmer* għan-naħa ta' fuq ta' Triq Stella Maris mir-residenti ta' Triq Stella Maris. Ġie diskuss li normalment il-Kunsill irid ikollu l-firma ta' min lest li titpoġġa quddiem ir-residenza tiegħu minħabba l-istorbju li tagħmel l-*isleeping policeman* meta jgħaddu minn fuqa l-karozzi. Ġie diskuss ukoll jekk tistax issir bit-*tarmac* bil-mod kif saret fi Triq Manwel Dimech. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li minħabba x-xogħol li għaddej bħalissa jaf idum il-proċess. Sar qbil li sadanittant il-Kunsill jimmarka mal-art 'Slow Sign' bi speed ta' 30. Il-Kunsill qabel ukoll li jilħaq jordna lill-kuntrattur biex issir *traffic calmer* bil-mof kif saret fi Triq Manwel Dimech. *Triq Stella Maris*

80.7.8 Il-Viċi Sindku propona li l-bankijiet għandhom jingħataw kulur bħal dawk li hemm fil-Ġnien Indipendenza. Kien hemm qbil li nitolbu b'mod informali lil MCAST biex jigwidawna kif nistgħu nsaqqsu studenti biex joħorġu bl-aħjar ideat u dizinji. Il-kunċett biex ikun hemm aktar ambjent ikkulurit matul il-*promenade*. *Bankijiet matul il-promenade*

80.7.9 Il-Viċi Sindku propona li l-Kunsill għandu jikteb lill-*Estate Agents* biex nitolbu min jista joffri lill-Kunsill donazzjonjiet ta' pjanti jew ħaġa oħra għal ambjent aħjar f'Tas-Sliema. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li ġie avviċinat biex jingħataw ammont ta' siġar lill-Kunsill kif ġew mogħtija lil Pembroke. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li meta l-Kunsill jitlob *sponsorship* ta' pjanti, possibbilment din tiġi mogħtija bl-*irrigation*, bit-tħawwil, bil-*pid* *Sliema Greener*

*guard* tal-ħadid eċċ.  Kien hemm qbil dwar dan.

**80.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

80.8.1 Dawn kienu diġa ġew approvati fl-aħħar seduta tal-21/02/2018.

**80.9 MOZZJONIJIET**

80.9.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni.

**80.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

80.10.1 Is-seduta ntemmet fit-8.30 ta` filgħaxija.  Seduta oħra se ssir nhar it-Tlieta 20 ta'  Marzu 2018 fil-5pm.

Minuti approvati llum 20 ta' Marzu 2018

(IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**
**Sindku**

(IFFIRMATA)

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**